

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-13 ta' Lulju 2012 — Caixa Geral de Depósitos vs UASI — Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona ("la Caixa")

(Kawża T-255/09) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva la caixa — Trade mark Portugiżha verbali preċedenti CAIXA — Trade marks nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")

(2012/C 258/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Caixa Geral de Depósitos, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: F. Porcuna de la Rosa u M. Lobato García-Miján, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: E. Manresa Medina u J. Manresa Medina, avukati)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' Marzu 2009 (Każ R 556/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona u Caixa Geral de Depósitos, SA.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-24 ta' Marzu 2009 (Każ R 556/2008-2) hija annullata f'dak li jirrigwarda l-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni li jaqgħu fil-klassi 16.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Caixa Geral de Depósitos, SA hija kkundannata tħalli, minbarra żewġ terzi tal-ispejjeż tagħha, żewġ terzi tal-ispejjeż tal-UASI, u żewġ terzi tal-ispejjeż ta' Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona.
- (4) L-UASI huwa kkundannat ibati, minbarra terz tal-ispejjeż tiegħu stess, terz tal-ispejjeż ta' Caixa Geral de Depósitos kif ukoll terz tal-ispejjeż ta' Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona.

(¹) ĠU C 193, 15.08.2009

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2012 — Aiello vs UASI — Cantoni ITC (100 % Capri)

(Kawża T-279/09) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Notifikasi tan-nota tal-parti li qed topponi quddiem il-Bord tal-Appell — Regola 50(1), Regola 20(2) u Regola 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Drittijiet tad-difiża")

(2012/C 258/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Antonino Aiello (Vico Equense, l-Italja) (rappreżentanti: M. Coccia u L. Pardo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Montalto, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: Cantoni ITC SpA (Milano, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' April 2009 (Każ R 1148/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Cantoni ITC SpA u Antonino Aiello.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-2 ta' April 2009 (Każ R 1148/2008-1), hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 220, 12.09.2009.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2012 — Winzer Pharma vs UASI — Alcon (BAÑOFTAL)

(Kawża T-346/09) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BAÑOFTAL — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti KAN-OPHTAL u PAN-OPHTAL — Raġuni relativa għal rifiż — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2012/C 258/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Dr. Robert Winzer Pharma GmbH (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Schneller, avukat)